# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 382/98**

**Numru 33**

**Francis Sammut**

**vs**

**John J Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid l-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm390.84 (tlett mija u disghin lira u erba' u tmenin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominadi, rappresentanti spejjes u danni sofferti fil-vettura tieghu numru HAO-352, liema danni gew kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li kellu mal-imsemmija vettura fl-24 ta' Lulju 1997, fil-Mosta meta kien qed isuq il-vettura BAP-072 stante li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traksuragni, imperizja,

negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tal-10 ta' Dicembru 1997, ta' Lm10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 5 tal-istess atti) li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tal-konvenut.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Illi l-eccipjent qed jipprevalixxi ruhu mit-talbiet attrici sabiex jipprezenta t-talba rikonvenzjonali tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonjijiet tal-istess attur (a fol 12 ibid) li biha ecepixxa, in konnessjoni mat-talba rikonvenzjonali imsemmija a fol 5 tal-istess atti:

1) Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attur kif allegat fil-kontro-talba tal-konvenut, izda gara tort unikament tal-konvenut.

2) Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk u in forma preliminari, jinghad li, kif premess, fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 5 ibid) jissemma li dan ser "jipprevalixxi ruhu mit-talbiet attrici sabiex jipppresenta t-talba rikonvenzjonali tieghu" minghajr pero' ma saret, effettivament, kontro talba kif trid il-ligi (ara ukoll fol 39 u 46 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi, dan premess u in kwistjoni mal-fatti in esami, l-attur, Francis Sammut, xehed (a fol 19 et seq ibid) li kien qed jsuq il-karozza tal-marka “Fiat Polski” ghaddej, minn Triq ir-Rebbiegha sejjer fid-direzzjoni tal-Oratorju tas-Subien fil-Mosta u dan b’velocita minima (“kwazi dead slow”). Meta wasal fil-kantuniera ta’ Triq il-Kullegg “jien waqaft u harist lejn iz-zewg nahat “stante li meta hu jasal hawnhekk “normalment ..... jiena nieqaf”. Meta ra li ma kien gej hadd (minn Triq il-Kullegg fuq ix-xellug tieghu) hu hareg bil-mod izda “kif kwazi qbist College Street kollha kemm hi, smajt hoss” billi qala daqqa fuq il-bibien tal-genb fuq ix-xellug tal-vettura misjuqa minnu u bhala konsegwenza l-istess vettura daret ghal darbtejn. In rigward il-konvenut li kien hiereg minn Triq il-Kullegg fuq in-naha tax-xellug tal-istess attur, dan staqsieh jekk weggax kif ukoll qal lill-attur “minghalija li din kienet triq dritta. Ma rajtx il-kantuniera”. In rigward l-istess toroq imsemmija, l-attur accenna ghal fatt li, fl-24 ta’ Lulju 1997, id-data tal-incident in esami ma kien hemm ebda “stop sign” u/jew “give way sign” la Triq ir-Rebbiegha la Triq il-Kullegg.

Illi l-attur ipproduca bhala xhud, lil Dominic Micallef li kien qed jsuq karozza wara dik misjuqa mill-attur. Waqt li accenna ghal fatt li kemm hu kemm l-attur kienu qed jsuqu b’velocita ta’ madwar 10/15mil fis-siegha. Meta hu ra l-”brake lights” tal-karozza misjuqa mill-attur jixghelu, hu

waqaf. Meta lill-attur "rajtu miexi. Imbaghad rajt id-daqqa kbira". Wara l-habta, x-xhud ukoll sema li, "lill-iehor (il-konvenut) smajtu jghid ma indunajtx li kien hemm kantuniera. Hsibtha triq dritta".

Illi xhud iehor prodott mill-attur ossija Anthony Muscat (fol 29 et seq ibid) accenna ukoll ghal fatt li, wara li gara l-incident "il-konvenut dehrli li kien ftit mghaggel ossija "uneasy". Difatti kien sema' lill-konvenut jghid li hu kien inkwetat peress li "fid-dar tieghu kellu l-"cooker" mixghul" (ara ukoll ix-xhieda tal-istess attur a fol 21 tal-atti). Konsegwentement l-istess xhud ha lill-konvenut fid-dar ta' residenza tieghu u reggha hadu lura fuq il-post tal-incident.

Illi ex-PS 1168 Joseph Caruana ( a fol 40 u 56 et seq ibid) spjega li:

a) meta gara l-incident, kif gja premess, ma kien hemm ebda "give way" jew "stop sign";

b) Triq il-Kullegg hi "a senso unico" waqt li Triq ir-Rebbiegha hi "both ways" u (ara pero' fol 57 ibid) u;

c) mill-istess lokalita' ma jghaddux "buses".

Inoltre semma li f'Triq ir-Rebbiegha kien hemm karozzi parkeggati.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> li kien qed jsuq il-karozza tal-marka Seat Toledo numru BAP 072, xehed (fol 62 et seq ibid) li, kif wasal fl-inkrocju ta' Triq il-Kullegg ma Triq ir-Rebbiegha, hu naqqas il-velocita' "kwazi wieqaf". Hawnhekk hu ma ra lill-ebda vettura gejja u b'hekk qasam sabiex jidhol fi triq faccata li hi kontinwazzjoni tal-istess Triq il-Kullegg "pero tfaccat karozza gejja mill-lemin tieghu" u l-istess konvenut habat mal-vettura l-ohra. Ghandu jigi notat li l-istess konvenut stqarr li "jista' jkun li ghedt lil xi persuna ohra ...... li jien kont mghaggel peress li kont hallejt il-"gas mixghul". Inoltre wara li cahad li kien qal li ma kienx jaf li hemm triq laterali hu kompla jghid "ma nafx fil-fatt jekk ghedtx dawn il-kliem dwar is-"side street".

<u>Ikkunsidat</u>

Illi sintetizzat il-provi in esami ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-attur kien qed jsuq il-vettura tieghu, b'velocita' skond il-ligi, fi triq li ghandha tigi konsiderata bhala <u>dik principali</u> u bid-dovuta kawtela. Difatti l-attur skond, kif xehed hu stess ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu u oltre. Daparti tieghu l-konvenut, li kien ser jaqsam triq principali minn triq laterali, ma tantx jidher li ha l-istess prekawzjonijiet sabiex jaccerta ruhu li ma kienx gej traffiku minn naha tal-lemin tieghu. Jidher difatti li hu kien

naqra mghaggel sabiex jmur fir-residenza tieghu ghar-raguni kif hemm fuq premessa u ma giex esklus minnu, b'mod assolut, li hu ma kienx jaf li kien ser jaqsam it-triq li minnha kien ghaddej l-attur kif indikaw kemm l-attur kemm Dominic Micallef fix-xhieda taghhom. Ghalhekk wara li gie konsiderat dan kollu, jidher li nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan da parti tal-konvenut ghandu jigi kunsiderat bhala l-unika kawza ta' din il-kollizzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

a) tiddikjara lill-konvenut bhala unkament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni da parti tal-istess konvenut;

b) tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta' Lm390.84,0 u;

c) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm390.84,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Frar 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha skond kif specifikati fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg